



Andrea ENRIA

President tal-Bord Superviżorju

Lill-Istituzzjoni Sinifikanti

SSM-2020-016

Frankfurt am Main, 21 ta' Jannar 2020

Il-politika dwar ir-remunerazzjoni varjabbli tal-Istituzzjoni Sinifikanti

Għażiż Sinjur jew Sinjura,

Il-BĊE iħares mill-qrib lejn il-politiki ta' dividendi u ta' remunerazzjoni ta' istituzzjonijiet finanzjarji taħt is-superviżjoni tiegħu, u b'mod partikolari lejn kwalunkwe impatt li daww il-politiki jista' jkollhom fuq iż-żamma ta' bażi kapitali soda minn istituzzjoni. Bħal fil-każ tal-politiki dwar id-distribuzzjoni tad-dividendi – ara r-Rakkomandazzjoni BĊE/2020/1¹ – il-politika ta' istituzzjoni dwar ir-remunerazzjoni varjabbli jista' jkollha impatt sinifikanti fuq il-bażi kapitali tagħha.

Niħqu dwar il-ħtieġa li tiġi adottata pożizzjoni prudenti li tħares 'il quddiem meta tittieħed deċiżjoni dwar il-politika ta' remunerazzjoni tal-istituzzjoni tagħkom. Inħeġġukom biex tikkunsidraw debitament l-impatt potenzjalment detrimentali tal-politika ta' remunerazzjoni tal-istituzzjoni tagħkom fuq iż-żamma ta' bażi kapitali soda, b'mod speċjali billi tqisu r-rekwiżiti tranżitorji stipulati fid-Direttiva 2013/36/UE² (CRD IV) u l-arranġamenti tranżitorji biex jittaffa l-impatt tal-introduzzjoni ta' IFRS 9 fuq fondi proprji skont l-Artikolu 473a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013³. Għaldaqstant, meta tingħata remunerazzjoni varjabbli, inkluż l-użu ta' arranġamenti malus u clawback, taħt il-politika ta' remunerazzjoni tal-istituzzjoni tagħkom, nirrakkomandaw li tapplikaw politika li tkun konsistenti ma' direzzjoni konservattiva – bħala minimu, lineari – lejn ir-rekwiżiti kapitali totalment mgħobbija tagħkom (inkluż ir-rekwiżit ta' riżerva kombinata) u l-eżiti ta' SREP.

Fil-politika tagħhom dwar ir-remunerazzjoni varjabbli u l-ġestjoni tal-kapital, l-istituzzjonijiet huma mistennija wkoll iqisu l-impatt potenzjali fuq id-domanda kapitali minħabba bidliet futuri fl-oqfsa legali, regolatorji u ta' kontabbiltà tal-Unjoni. Fin-nuqqas ta' informazzjoni speċifika għall-kuntrarju, ir-rekwiżiti

1 Rakkomandazzjoni BĊE/2020/1 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-17 ta' Jannar 2020 dwar politiki għad-distribuzzjoni ta' dividendi (għadha ma ġietx ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali).

2 Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

3 Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

futuri tal-Pilastru 2 u l-gwida tal-Pilastru 2 użati fl-ippjanar tal-kapital huma mistennija li jkunu għoljin ta' mill-inqas daqs il-livelli attwali.

Jekk jogħġbokom żommu lit-Tim Superviżorju Konġunt infurmat regolarment dwar kwalunkwe deċiżjoni li ttrigwarda l-politika ta' remunerazzjoni tagħkom.

Dejjem tagħkom,

[iffirmat]

Andrea ENRIA